# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## MINUTI

## SEDUTA NRU 266 – It-Tnejn 17 ta' Ġunju 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

**ASSENTI SKUŻATA**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsilliera Mariette Borg fejn talbet li tkun skużata billi kienet indisposta. Is-Sindku ippropona li din it-talba tintlaqa'. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru. 265 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Triq il-Għid/Triq Papa Pawlu VI**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien għamel it-talba lill-Transport Malta u kien għadu qed jistenna t-tweġiba.

**2.2 Għar Lapsi**

Is-Sindku qal li kien infurmat li x-xogħolijiet kienu nbdew imma kienu waqfu għal numru sostanzjali ta' jiem. Issa kien infurmat li dawn qed jerġgħu jitkomplew. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkuntattja lill-Perit Ray Farrugia, id-Direttur Ġenerali tal-*Works Division* biex jinforma lill-Kunsill dwar l-iskeda tax-xogħolijiet.

**2.3 Estensjoni ta' simenta f'Għar Lapsi**

Is-Sindku qal li wara li ra s-sit in kwistjoni jidher ċar li hemm il-ħtieġa li mhux biss issir simenta imma wkoll isir xi forma ta' lqugħ bħalma huwa *railing.* Huwa għalhekk ippropona li l-Perit David Vassallo għandu jħejji l-applikazzjoni.
Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**2.4 Bankina fi Sqaq nru 1 Triq il-Parroċċa**

Is-Sindku ippropona li din għandha ssir wara l-Festa. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4. KUNTRATTI

***4.1 LCS 20/10 Supply & Maintenance of Traffic Signs***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt kien se jiskadi fid-9 ta' Settembru, 2013. Is-Sindku ippropona li għanda tinħareġ sejħa għall-offerti. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

**5.1 Proġett Tal-Għolja**

Is-Sindku talab il-permess tal-Kunsill biex is-sur Chris Delia mill-Fondazzjoni Patrimonju Siġġiewi jagħmel intervent dwar il-Kappella tal-Lunzjata f'Tal-Għolja. Dan fisser kif il-Fondazzjoni qed tfittex li tagħmel studji biex jinstab il-kobor tal-ħsara li hemm f'din il-Kappella kif ukoll soluzzjoni għalihom. Is-Sindku issġġerixxa li tiġi studjata l-possibiltà li dawn l-istudji jiddaħħlu fl-applikazzjoni tal-proġett li l-Kunsill għandu mal-EFRD – Miżura 313. Dan minħabba li l-ħsarat fil-kappella jaffettwaw

dan il-pro[ett. Għal dan l-għan se ssir laqgħa mal-Perit Valerio Schembri li qed iħejji l-BOQ's kif ukoll ma' Ms Marisa Marmara tal-*Majjistral Action Group.*

**5.2 Knisja tal-Providenza**

Is-Sindku qal li b'mod partikolari wara li din iz-zona ġiet riabilitata, qed isiru diversi talbiet biex jiġu organizzati attivitajiet bħal tiġijiet kif ukoll BBQs, eċċ., Huwa għalhekk hemm il-ħtieġa li ssir *Byelaw* simili għal dik li saret għal-*Lapsi Park*. Huwa kompla jgħid li kien se jħejji din il-*Byelaw.*

**5.3 Is-Siġar fil-parti ta' fuq tal-Pjazza**

Is-Sindku qal li s-siġar fil-parti ta' fuq tal-Pjazza kienu qed joħolqu diversi problemi, kemm strutturali minħabba l-għeruq tagħhom, kif ukoll għaliex huma ta' inkonvenjent għar-residenti u l-entitatijiet li hemm fil-Pjazza. Wara li ġie ivverifikat mal-MEPA li dawn mhumiex siġar indiġeni, huwa ippropona li dawn jinqalgħu u minflokhom jitpoġġew *planters* b'siġar baxxi. B'hekk meta jkun hemm il-ħtieġa dawn ikunu jistgħu jiġu mċaqilqin.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.4 Tneħħija ta' diversi oġġetti mir-Reġistru tal-Assi Fissi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diversi oġġetti imsemmija hawn ġew *obsolete*. Dawn huma:

- 3 *air-conditioners* li kienu fis-sit preċedenti tal-Kunsill Lokali;
- *Photocopier* Avantach
- *Printer Customer Care.*

Is-Sindku ippropona li dawn jitneħħew mir-Reġistru tal-Assi Fissi.
Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**5.5 Korsijiet Fl-Ċentru Ċiviku**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li matul dan is-sajf barra l-Kors tal-*First Aid* u tat-tagħlim tal-*Computer* se jsiru dawn il-korsijiet fiċ-Ċentru Ċiviku:

- Creativity & Fun Course (self-financed)
- Weight Management Course (Health Promotion Unit).

Hu mistenni li f'Ottubru li ġej permezz tad-Direttorat tal-*Life long Learning* jingħataw dawn il-korsijiet:

- Malti Bażiku
- Taljan Bażiku
- Taljan livell SEC

- Ingliż Bażiku
- Xjenza Bażika
- Keep-fit
- Beauty Care
- Bizzilla

**5.6 Skart fi Triq Blat-il Qamar faċċata ta' Triq is-Salib**

Il-Kunsillier Mario Cachia qal li f'dan l-inħawi qed kontinwament jitpoġġew munzelli ta' skart. Is-Sindku qal li għand jitwaħħal avviż dwar l-illegalità ta' dan l-aġir.

**5.7 Triq il-Knisja l-Qadima**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti reġa' semma d-diversi ilmenti li jaslulu dwar it-traffiku waqt il-ħinijiet tad-duttrina. Is-Sindku qal li din il-ġimgħa kellu laqgħa mas-Superjur fejn fehmu li l-Kunsill kien talab lill-Ministeru tat-Trasport biex is-servizz tal-Arriva ma jibqax jgħaddi minn din it-triq. Qabel tissolva din il-materja ikun inutli li isiru arranġamenti ġodda.

**5.8 Triq il-Knisja l-Qadima/Triq l-Imqabba**

Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni tad-diversi inċidenti li jsiru f'dan l-inħawi.
Is-Sindku qal li għandna nitolbu l-parir tal-Perit David Vassallo u isir *refreshing* aktar spiss tas-sinjali tat-traffiku.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2013.**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 27/5/13-17/6/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | dr richard sladden | €7.68 | €7.68 | d | pf | fees ingunzjoni case gasanmamo vs kls | 05/06/13 | 237089 | | | 3140 | 9652 |
| 2 | ecopure | €8.50 | €8.50 | d | pf | water for dispenser | 06/06/13 | 545702 | | | 2670 | 9651 |
| 3 | ecopure | €8.75 | €8.75 | d | pf | water for dispenser | 06/06/13 | 545734 | | | 2670 | 9651 |
| 4 | lidl | €11.96 | €11.96 | d | pf | coffee | 15/06/13 | 267860/02 | | 95/13 | 2670 | 9659 |
| 5 | clifford vella | €15.00 | €15.00 | d | pf | books for library | 24/05/13 | 27 | | 94/13 | 2995 | 9649 |
| 6 | go | €19.14 | €19.14 | d | pf | 21462946 may13 | 17/06/13 | 33094050 | | | 2160 | 9635 |
| 7 | go | €33.51 | €33.51 | d | pf | 21465799/21465805 may13 | 17/06/13 | 33094094 | | | 2160 | 9635 |
| 8 | book distributors ltd | €34.17 | €34.17 | d | pf | books for library | 31/05/13 | 210078 | | 96/13 | 2995 | 9660 |
| 9 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl june13 | 17/06/13 | 33094017 | | | 2160 | 9635 |
| 10 | msd | €51.96 | €51.96 | t | pf | road markings job 12254 | 24/04/13 | 17990 | | | 2314 | 9637 |
| 11 | biway | €54.00 | €54.00 | d | pf | uniforms | 17/06/13 | 51 | | 93/13 | 2230 | 9636 |
| 12 | go | €58.50 | €58.50 | d | pf | 21468874 may13 | 17/06/13 | 33094017 | | | 2160 | 9635 |
| 13 | go | €70.63 | €70.63 | d | pf | 21466000/21466036 may13 | 17/06/13 | 33094065 | | | 2160 | 9635 |
| 14 | p.cutajar | €86.00 | €86.00 | d | pf | 2 boxes coffee | 03/06/13 | 671952 | | | 2670 | 9642 |
| 15 | richard sladden | €90.28 | €90.28 | d | pf | legal fees gasanmamo vs kls | 06/06/13 | rs28/13 | | | 3140 | 9652 |
| 16 | vodafone | €98.55 | €98.55 | d | pf | 99491670 may13 | 01/06/13 | 3533565062013 | | | 2160 | 9662 |
| 17 | arms | €102.12 | €102.12 | d | pf | gnejnet l-armonija 30/11/12-18/5/13 | 30/06/13 | 17007422 | | | 2130 | 9643 |
| 18 | cassie cutajar | €115.20 | €115.20 | d | pf | clerikal work saturdays may13 | 17/06/13 | | | | 3065 | 9654 |
| 19 | bitmac | €120.36 | €120.36 | d | pf | material for road patching | 11/06/13 | 98572 | | 64/13 | 2310 | 9656 |
| 20 | n.baldacchino | €121.60 | €121.60 | d | pf | expenses icw screens project | 17/06/13 | | | | 3331 | 9663 |
| | **Sub Total c/f** | **€1,142.85** | **€1,142.85** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€1,142.85** | **€1,142.85** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

**Data:** **27/5/13-17/6/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | smart | €130.15 | €130.15 | d | pf | stationery | 13/06/13 | 13042662 | | 66/13 | 2620 | 9658 |
| 22 | nvc | €140.50 | €140.50 | d | pf | operating materials | 14/05/13 | 5706 | | 54/56/58/59/60 | 2210 | 9641 |
| 23 | a.aquilina | €142.83 | €142.83 | d | pf | attendant library may13 | 31/05/13 | | | | 2995 | 9647 |
| 24 | callus landscaping | €148.68 | €148.68 | t | pf | replacement of olive tree bypass | 30/05/13 | 18 | | | 3061 | 9639 |
| 25 | ansek | €160.00 | €160.00 | d | pf | accounts and finance course | 18/06/13 | | | | 3250 | 9664 |
| 26 | milord | €190.00 | €190.00 | d | pf | transport benches, use generator, repair manhole | 06/06/13 | 293 | | | 2370 | 9653 |
| 27 | eyoum garage | €201.00 | €201.00 | d | pf | expenses icw screens project | 17/06/13 | | | | 3331 | swift |
| 28 | horace enterprises | €219.98 | €219.98 | d | pf | medals for bike race | 14/06/13 | 6483 | | 97/13 | 3363 | 9661 |
| 29 | access point | €236.00 | €236.00 | d | pf | it virtual pack june13 | 03/06/13 | 3613 | | | 3110 | 9657 |
| 30 | n.mizzi | €352.50 | €352.50 | t | pf | cleaning council premises may13 | 17/06/13 | | | | 3055 | 9650 |
| 31 | daniel cutajar | €517.70 | €517.70 | t | pf | bulky may13 | 04/06/13 | 6 | | | 3042 | 9638 |
| 32 | msd | €522.02 | €522.02 | t | pf | traffic signs and mirrors job 9738 | 27/05/13 | 17941 | | | 2314 | 9637 |
| 33 | mayor | €669.94 | €669.94 | d | pf | honoraria may13 | | | | | 1100 | |
| 34 | milord | €755.20 | €755.20 | t | pf | gass/twittigh trejqa bil-konkos, trangar hajt rd to lapsi | 06/06/13 | 296 | | | 2370 | 9653 |
| 35 | central asphalt | €835.38 | €835.38 | t | pf | cold asphalt for patching may13 | 31/05/13 | 46518 | | | 2310 | 9648 |
| 36 | cir | €1,538.32 | €1,538.32 | d | pf | cir may13 | | | | | | 9634 |
| 37 | nexos | €2,185.07 | €2,185.07 | t | pf | street lighting repairs | 09/06/13 | 2010509 | | | 2372 | 9640 |
| 38 | callus landscaping | €2,710.16 | €2,710.16 | t | pf | planting public spaces may13 | 30/05/13 | 18 | | | 3061 | 9639 |
| 39 | ronald bezzina | €2,770.83 | €2,770.83 | t | pf | street sweeping may13 | 30/05/13 | 5 | | | 3051 | 9655 |
| 40 | milord | €3,753.46 | €3,753.46 | t | pf | cleaning non urban may13 | 06/06/13 | 295 | | | 3052 | 9653 |
| | **Sub Total c/f** | **€18,179.72** | **€18,179.72** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€1,142.85** | **€1,142.85** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,322.57** | **€19,322.57** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

**Data:** **27/5/13-17/6/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | milord | €3,753.46 | €3,753.46 | t | pf | cleaning non urban april13 | 06/06/13 | 294 | | | 3052 | 9653 |
| 42 | middlesea | €3,846.09 | €3,846.09 | t | pf | health insurance 1/6/13-31/5/14 | 03/05/13 | | | | 3030 | 9646 |
| 43 | employees | €4,887.12 | €4,887.12 | d | pf | salaries may13 | | | | | 1200 | |
| 44 | xuereb bros | €5,711.41 | €5,711.41 | t | pf | waste collection may13 | 17/06/13 | 7890837 | | | 3041 | 9644 |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€18,198.08** | **€18,198.08** |
| **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** |
| **Total** | **€18,198.08** | **€18,198.08** |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier